MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 436/2004

Kawza fil-lista: 26

**A B, f' ismha proprju u bbala kuratrici ta' bintha minuri C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici hija mizzewga mal-konvenut D E u miz-zwieg taghhom fis-16 ta' Novembru 1998 twieldet tifla li jisimha C.

Peress illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Antoine Agius tal-25 ta' Ottubru 2001 il-partijiet bil-permess tas-

Sekond’ Awla tal-Qorti Civili digriet numru 1516/2001 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali fejn skond l-artikolu 3(i) ta’ l-istess kuntratt, il-kura u l-kustodja ta’ binthom minuri C giet fdata lill-attrici. Kopja ta’ l-imsemmi kuntratt hija hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok. SM 1;

Peress illi permezz ta’ klawsola 3(i) tal-imsemmi kuntratt, il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri hija fdata fl-omm u cioe’ l-attrici.

Peress illi l-partijiet mill-bidu nett ikkontemplaw il-probabilita’ illi l-attrici eventwalment tmur tghix barra minn Malta flimkien ma’ bintha minuri, tant illi permezz ta’ klawsola 2(ii)(f) tal-imsemmi kuntratt hemm miftiehem illi, f’ kaz illi l-attrici A B tiddeciedi li temigra minn Malta flimkien mat-tifla minuri fuq imsemmija, sabiex ikollha residenza permanenti barra minn Malta, hija obbligat ruhha li tottjeni l-kunsens bil-miktub minghand zewgha l-konvenut, liema kunsens ma jistax jinzamm b’ mod irragonevoli.

Peress illi l-attrici A B nformat lil zewgha illi hija kienet ser temigra l-Italja flimkien ma’ bintha C u ghalhekk talbet il-kunsens bil-miktub fis-sens kontrattwali hawn fuq imsemmi.

Peress illi, kif jista’ jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenut qieghed jirrifjuta li jaghti tali kunsens kif fuq imsemmi, b’ mod irragonevoli u dan bi ksur ta’ l-artikolu 2 (ii)(f) tal-kuntratt ta’ separazzjoni fuq citat (vide Dok. SM2 sa Dok. SM7).

Peress illi d-decizjoni illi l-attrici tirriloka barra minn Malta, kienet diga’ kontemplata bejn il-partijiet a tempo vergine kif fuq imsemmi, wkoll minhabba s-sitwazzjoni ta’ xoghol ta’ l-esponenti. Din is-sitwazzjoni fil-fatt zviluppat f’ wahda pressanti f’ dawn l-ahhar xhur kif jista’ jirrizulta fl-annessi ittri mibghuta mill-principal ta’ l-esponenti Alpine Travel Limited li maghhom ir-rikorrenti ilha tahdem ghal dawn l-ahhar seba’ snin li qieghdin jigu hawn esibiti u mmarkati bhala Dok. SM 8 u Dok. SM 9.

Peress illi l-attrici ghaddiet biex ipprezentat rikors taghha fil-meritu fuq dettaljat, fil-5 ta’ Ottubru 2004, u in segwitu gie moghti d-Digriet relattiv (Atti ta’ l-Ittra Numru 1165/04MG tat-8 ta’ Novembru 2004) illi permess tieghu il-Medjazzjoni relattiva giet maghluqa. Kopja ta’ l-imsemmi Digriet hi hawn annessa u esibita u mmarkata bhala Dok. SM 10;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ ghandiex:-

1. Tiddikjara illi r-rifjut tal-konvenut illi jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-minuri C tkun tista’ temigra flimkien ma’ l-attrici huwa irragonevoli, u dan fid-dawl ta’ l-artiklu 2(ii) (f) tal-kuntratt tal-25 ta’ Ottubru 2001 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius.

2. In vista tal-fuq premess tawtorizza lill-attrici sabiex titlaq liberament minn Malta flimkien mal-minuri C E kif fuq imsemmi sabiex b’ hekk l-Awtoritajiet kompetenti ma jostakolaw l-ebda tluq minn Malta tal-minuri C Ellul Sulivan flimkien ma’ l-attrici u dan taht kull kundizzjoni rigward access favur il-konvenut li jidrilha xieraq.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi kuntrarjament ghal dak li hemm allegat fic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni ta’ l-attrici, ma sar ebda ksur ta’ l-artikolu 2(ii)(f) tal-kuntratt ta’ separazzjoni u l-kunsens ta’ l-attur mhux qed jinzamm b’ mod irragjonevoli izda huwa qieghed jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu biex l-attrici temigra minn Malta mal-minuri C E ghaliex dan huwa fl-interess ta’ l-istess minuri hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

2. Illi mhux minnu illi l-partijiet mill-bidu nett ikkontemplaw il-probabilta’ illi r-rikorrenti eventwalment

tmur tghix barra minn Malta flimkien mat-tifla minuri. Dik li giet ikkontemplata kienet il-possibilta' li r-rikorrenti tmur tghix barra minn Malta flimkien mal-minuri.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici meta talbet il-konvenut ghall-kunsens tieghu bil-miktub hija ma talbitx dan il-kunsens sabiex temigra l-Italja izda t-talbiet taghha kienu li tghix fi kwalunkwe pajjiz ta' l-Unjoni Ewropea u sussegwentement biss accettat li tirrestringi ruhha ghall-Italja.

4. Illi kuntrarjament ghal dak li qeda tallega l-attrici ma kien hemm l-ebda kontemplazzjoni bejn il-partijiet illi l-attrici tirriloka barra minn Malta minhabba s-sitwazzjoni ta' xoghol taghha.

5. Illi d-decizjoni ghat-tluq mill-attrici minn Malta flimkien mal-minuri mhijiex decizjoni tal-partijiet, izda hija wahda li qeda tipprova timponi hi.

6. Illi l-konvenut huwa kkoncernat fuq trobbija ta' bintu anke hawn Malta, fejn bosta decizjonijiet li jirrigwardaw il-minuri huma mehudin arbitrarjament mill-attrici hija soggetta ghall-awtorita' taz-zewg genituri u decizjonijiet importanti li jikkoncernaw lilha ghandhom jittiehdu bi qbil bejniethom – multo magis barra minn Malta.

7. Illi fil-mertu l-attrici ghandha tipprova illi t-tnehhija tal-minuri minn ambjent kuntent fejn hija mdawwra mill-hbieb u familja taghha, u minghajr problemi ta' xejn, fejn hija mdorrija tara lill-missierha kuljum u jipprovdilha b' kull m' ghandha bzonn, huwa fl-interess u ta' beneficcju ghall-istess minuri.

8. Illi l-minuri ghandha rabta partikolari ma' missierha u f' xi okkazjonijiet tikkummenta illi ma tixtieqx titlaq minn Malta.

9. Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, it-talba ta' l-attrici ghadha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat il-kontro talba maghumla mill-konvenut rikonvenzjonant li permezz taghha huwa ppremetta u talab hekk:

Premess illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fit-13 ta’ April ta’ 1996.

Premess illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla C E fit-18 ta’ Novembru 1998 u li llum ghandha seba’ snin.

Premess illi l-partijiet permezz tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili digriet numru 1516/2001 tal-25 ta’ Ottubru 2001 gew awtorizzati sabiex jidhru fuq kuntratt ta’ separazzjoni personali.

Premess illi l-partijiet dehru fuq kuntratt ta’ separazzjoni personali fil-25 ta’ Ottubru 2001, liema kuntratt gie ppublikat minn Nutar Dottor Antoine Agius (Dok. SM1 esibit mill-attrici).

Premess illi l-attrici qeda titlob il-kunsens bil-miktub sabiex temigra minn Malta flimkien mal-minuri u dan skond il-klawzola 2(ii)(f) tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni li tistabilixxi illi fil-kaz illi l-attrici tiddeciedi li temigra minn Malta flimkien mat-tifla minuri hija obbligata li tottjeni l-kunsens bil-miktub minghand il-konvenut, liema kunsens ma jistax jinzamm b’ mod irragonevoli.

Premess illi l-konvenut qieghed jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu izda mhux irragonevolment.

Premess illi l-konvenut qieghed jivvaluta r-ragjonevolta’ jew meno li jaghti jew li jonqos li jaghti l-kunsens tieghu skond l-ahjar interess tal-minuri biss.

Premess illi ghalkemm it-tluq tal-minuri minn ambjent u hajja fejn tmur tajjeb fl-iskola fejn hija kuntenta u stabbli ser iservi biss ta’ detriment ghaliha, l-attrici xorta trid tohrogha minn dan l-ambjent familjari.

Premess illi l-attrici mhijix qed tikkunsidra dawn il-fatti citati fid-decizjoni taghha biex temigra imma qeda

tikkunsidra l-bzonnijiet personali taghha biss, filwaqt li qeda tikkreja hafna konfuzjoni f' mohh il-minuri.

Premess illi permezz ta' l-artikolu 3(i) ta' l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali, il-kura u kustodja tat-tifla minuri giet fdata lill-attrici rikonvenzjonata.

Premess illi l-konvenut ghandu ragunijiet validi skond il-ligi sabiex jigu rrevokati l-ordnijiet moghtija mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet numru 1516/2001 tal-25 ta' Ottubru 2001 fir-rigward il-minuri, fosthom ghar-raguni li l-konvenut, kif diga' indika u kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz, jista' jipprovdi iktar stabbilita' lill-minuri C E milli dik li qeda tipprovdi l-attrici li minn gurnata ghall-ohra donna ma tafx xi trid.

Tghid l-attrici rikonvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tirrevoka l-artikolu 3(i) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn fuq imsemmi u tordna illi l-konvenut rikonvenjenti jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri C E u dan a tenur ta' Artikolu 60(2) ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hi minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata li biha eccepiet:

1. Illi t-talba tal-konvenut rikonvenjenti sa fejn tikkoncerna t-talba ghar-revoka ta' l-artikolu citat, hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi debitament respinta, u dan stante illi fl-ewwel lok, l-attrici rikonvenuta qeda f' kull aspett tat-talbiet taghha tagixxi fl-ahjar interess tal-minuri u fit-tieni lok, dan l-ahjar interess kien diga' gie debitament diskuss u stabbilit bonarjament bejn il-partijiet fil-mument tal-konkluzjoni tal-Kuntratt ta' Separazzjoni de quo u kkonfermat u awtorizzat permezz tad-Digriet relattiv ta' l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili;

2. Illi t-talba tal-konvenut rikonvenjenti sa fejn tikkoncerna t-talba ghal kura u kustodja tal-minuri C, ghandha tigi debitament respinta in kwantu tali talba hija fil-fatt diametrikament opposta ghal kuncett ta' l-ahjar interess tal-minuri u ma hemm assolutament ebda raguni valida jew gustifikazzjoni skond il-Ligi ghal varjazzjoni simili tal-provvedimenti tal-Kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-partijiet.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport ta' l-Avukat tat-Tfal;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-minuri kameralment;

Ikkunsidrat

**Azzjoni u Kontro talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex temigra minn Malta, flimkien mat-tifla komuni tal-partijiet, u tistabilixxi r-residenza taghha u ta' l-istess bintha, fl-Italja, wara li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut qed jzomm il-kunsens tieghu rragjonevolment.

Minn naha tieghu l-konvenut qed isostni li dak li qed titlob l-attrici mhuwiex fl-interess tat-tifla, u fil-kontro talba tieghu qed jitlob li l-kura u kustodja tat-tifla tghaddi minn fuq l-attrici ghal fuqu, bazikament peress li hu jista' joffri lill-minuri aktar stabbilita' mill-attrici; u ghal dan il-ghan qed jitlob li jigi emendat il-kuntratt ta' separazzjoni ezistenti bejn il-partijiet. Minn naha taghha l-attrici teccepixxi li ma hemmx raguni valida sabiex tigi sostnuta t-talba tal-konvenut, u inoltre, dak mitlub minnu mhuwiex fl-ahjar interess tat-tifla.

---

[1] Fols.89 *et seq.*

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fit-13 ta' April 1995 u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla C fis-16 ta' Novembru 1998 li llum ghandha kwazi 9 snin. Fil-25 ta' Ottubru 2001 il-partijiet iffirmaw kuntratt[2] ta' separazzjoni konsenswali li permezz tieghu l-kura u kustodja tal-minuri giet fdata lill-attrici b' access liberu ghall-konvenut, izda decizjonijiet importanti [“major”] li jikkoncernaw il-benessere [“welfare”] edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu flimkien [“jointly”].

Illi jirrizulta pacifiku li wara s-separazzjoni minn ma' martu, il-konvenut beda u ghadu jikkoabita ma' mara ohra li minnha ghandu tarbija li twieldet fis-16 ta' Ottubru 2001.

Illi, filwaqt li l-konvenut huwa cittadin Malti, l-attrici hija cittadina Taljana, u ghalhekk fil-kuntratt ta' separazzjoni giet kontemplata l-possibilita' li l-attrici temigra minn Malta bil-minuri u gie indirizzata dan il-punt fil-klawsola 2[ii][f] bir-rizultat li gie mifthiehm bejn il-partijiet li “[f] In the event that the wife decides to emigrate from Malta togther with the minor child and take up permanent residence abroad, she shall be obliged to obtain the prior written consent of the husband, which consent cannot be witheld unreasonably..”

Illi fil-prezent is-sitwazzjoni hi l-missier qed jezercita l-access ampju tieghu kuljum bejn is-6.00pm u t-8.00pm u jirrizulta li l-minuri ghandha rapport tajjeb hafna mieghu kif ukoll ma' ohtha, u anke mal-familjari tal-konvenut u d-diversi kugini minn naha tieghu.

Illi minn naha ta' l-attrici, dina, flimkien mat-tifla, tqatta' tlett xhur fis-sena mal-genituri taghha fi Gravedona, provincja ta' Como fl-Italja, u jirrizulta li l-minuri tintegra tajjeb ukoll mal-familjari ta' l-attrici, apparti mill-fatt li taf titkellem tajjeb ukoll bil-lingwa Taljana.

---

[2] Fol.7 et seq.

*Il-posizzjoni finanzjarja ta' l-attrici [f'Malta]*
Illi mill-kuntratt tas-separazzjoni jirrizulta li l-attrici giet assenjata mill-konvenut id-dar matrimonjali bl-isem "Casa Lei" fis-Swieqi valutata dak iz-zmien fl-ammont ta' Lm90,000; l-mobbli kollha ezistenti fid-dar matrimonjali, hlief ghal xi ghamara antika elenkata f' inventarju; il-vettura Honda; id-depositu bankarju mal-HSBC; l-usufrutt gratuwitu tal-post "Hillside Place" sitwat f' Ta' l-Ibragg, liema fond ghandu jibqa' proprjeta' komuni tal-partijiet, u jigi assenjat b' donazzjoni lill-minuri hekk kif dina taghlaq il-21 sena, liema usufrutt jintilef mill-attrici fil-kaz li dina temigra minn Malta; kif ukoll is-somma ta' Lm15,000.

Fl-istess kuntratt gie pattwit ukoll li l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici bhala manteniment is-somma mensili ta' Lm180 [gia' Lm150] sakemm il-minuri ssir maggjorenni jew tibda tahdem bi qligh u f' kaz li l-istess minuri tkompli bl-istudji taghha din ir-retta alimentarja tibqa' tigi versata sakemm tkun iffinalizzat l-istudji taghha. Il-konvenut obbliga ruhu wkoll li jhallas lill-attrici retta alimentarja mensitli ta' Lm150 sa' Ottubru 2007 u li tibqa' tithallas sa din id-data anke jekk l-attrici tkun qed tahdem bi qligh.

Barra minn hekk, il-konvenut obbliga ruhu li jhallas l-ispejjez kollha relattivi ghall-edukazzjoni u dawk skolastici tal-minuri, l-ispejjez kollha relattivi ghas-sahha tal-minuri, u l-premium tal-polza ta' l-assikurazzjoni fuq is-sahha tal-minuri, kif ukoll titjira wahda fis-sena lejn l-Italja.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-kawza timpernja fuq il-klawsola 2[ii][f] fuq citata, stante li l-attrici trid tipprevalixxi ruhha mit-termini ta' din il-kawza sabiex temigra lejn l-Italja ma' bintha, filwaqt li l-konvenut minn naha tieghu qed jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu ghal dan. Dan necessarjament jinvolvi ezami tar-ragjonevolezza o meno ta' l-oppoizizzjoni tal-konvenut li jaghti l-kunsens tieghu, kunsidrat fid-dawl tal-principju li f' dawn il-kazijiet jimpera suprem l-ahjar interess tal-minuri.

Illi l-tesi attrici hi fis-sens li hi tixtieq temigra lejn l-Italja primarjament peress li f' Malta hi tinsab waheda u isolata,

filwaqt li fl-Italja jkollha l-appogg shih tal-genituri u tal-familjari taghha. Fi kliemha: “I decided to go to Italy mostly because in Malta I am here on my own, and I have no support from my family [as] I have no family here.”[3]

F’ dan ir-rigward, il-genituri taghha kkonfermaw fl-affidavit[4] taghhom li huma lesti li jilqghu lill-attrici u lill-minuri fir-residenza taghhom “a nostre spese per tutto il tempo necessario” Jghidu wkoll li, meta l-attrici tkun fil-posizzjoni li tghix waheda mal-minuri, huma jpoggu ghad-disposizzjoni taghha appartment iehor proprjeta’ taghhom sitwat fic-centru tal-village u vicin ir-residenza taghhom. Obbligaw ruhhom ukoll li ma jostakolawx, anzi jiffacilitaw l-access tal-missier ghat-tifla skond l-modalita’ imposta minn din il-Qorti. L-attrici wkoll prezentat affidavit tal-Headmaster ta’ l-iskola fi Gravedona, fejn iddikjara li ma hemmx ostakola sabiex il-minuri tigi iskritta f’ dik l-iskola.

Fit-tieni lok, l-attrici tghid li hi tixtieq temigra minhabba ragunijiet ta’ xoghol. Hija tispjega li fix-xoghol taghha ta’ traduttrici hija ghandha opportunijiet akbar ta’ xoghol fl-Italja, tithallas aktar, u tkun tista’ tahdem direttament mid-dar, u b’ hekk ikollha aktar hin u tkun aktar disponibbli tat-tifla. Fi kliemha: “I know that over there I can work full time from home. I will not need to go out of the house. I will be able to be there with C when she needs [me]…. Ideally I would like to work from home because for me it’ s the best, and I am qualified to do so.” Rigward il-introitu tghid li fl-Italja “I will be earning from home at least five 5 times more. I mean a freelance in-house.”[5]

Illi minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghat-talba attrici unikament ghax jemmen li dina mhijex fl-interess tat-tifla. Jispjega li minn naha tieghu huwa ried jassigura li lil bintu ma jonqosha xejn u dan hu rifless fil-kuntratt ta’ separazzjoni fejn lill-attrici giet assenjata proprjeta’ u dritt reali ta’ usufrutt fuq proprjeta’ ohra sabiex hi tkun tista’ zzomm kemm jista’ jkun l-istess livell ta’ hajja u ma jkollhiex ghalfejn tahdem, u dan apparti mill-manteniment

---

[3] Fol.155
[4] Fol.51
[5] Fol.161

li obbligat jkhallas, u spejjez kollha relattivi ghat-tifla, inkluzi titjira darba f’ sena lejn Milan sabiex it-tifla tkun tista’ tgawdi n-nanniet paterni u familjari ta’ l-attrici.

Il-konvenut jghid li t-tifla sejra tajjeb f’ Malta kif jixhed ukoll ir-rapport[6] mahrug mill-iskola St.Michael’s fejn tattendi, hija ghandha rapport tajjeb mal-familjari tieghu, kif ukoll ma’ ohtha; u di piu’ ghandha rapport shih ma’ missierha li jara kuljum. Fi kliemu: “She enjoys a lot of friends and most of all family including aunts, uncles and many cousins and last but not least her father. I have done everything I could in order for C to have a normal upbringing as much as possible and having both her parents in her life on a daily basis has proved to be advantageous to her.”[7] Jghid ukoll li f’ Malta t-tifla ghandha izjed sikurezza, milli fl-Italja “when one considers that child abuse and kidnapping [in Italy] is one of the highest levels in Europe.”[8] Huwa jirribadixxi li t-tifla ghandha bzonn il-presenza taz-zewg genituri, u li hu ghandu “the means to support my daughter both emotionally and financially” u konsegwentement fil-kontro talba tieghu qed jitlob li jinghata l-kura u kustodja tal-minuri.

Il-konvenut jghid ukoll li huwa dipost li jiddiskuti l-vertenza ta’ l-emigrazzjoni tal-minuri “at a later state when C would be older, more mature and would be able to understand the implications of her emigration without feeling that I have abondoned her, particularly when she is seeing me every day.”[9]

Illi din il-Qorti wara li rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal redatt fit-2 ta’ Marzu 2006, u wara li semghet lill-minuri kameralment, tosserva li, ghalkemm ma hemmx dubju li t-tifla thobb u jhossha komda maz-zewg genituri, inkluzi l-familjari taghhom, izda, kif huwa facilment komprensibbli fic-cirkostanzi jirrizulta li hija trid tibqa’ tghix ma’ ommha anke jekk din temigra lejn l-Italja, ghalkemm tixtieq tibqa’

[6] Fol.84 *et seq.*
[7] Fol.81
[8] Fol.82
[9] Fol.81

zzomm kuntatt kemm jista’ jkun ma’ missierha u mal-familjari tieghu.

Illi fir-rapport annwali ta’ l-iskola ghas-sena 2004/2005 taht l-intestatura “Personal & Social Developmnet” gie rimarkat mill-ghalliema tat-tifla li “C is a delightful child, quiet, well mannered and always very eager to help. She is a popular member of the class.” Filwaqt li gie osservat mill-istess ghalliema li gabet resultat eccellenti.

Illi kkunsidrat ulterjorment;

Illi fil-kaz odjern, il-minuri li fil-prezent ghandha kwazi 9 snin tinsab integrata sew fil-hajja taghha f’ Malta. Hija kuntenta bl-istil ta’ hajja li tghix f’ Malta, u kif setghet tosserva din il-Qorti, hija tifla trankwilla hafna. Hija tgawdi mill-presenza kwotidjana kemm ta’ ommha li ghandha l-kura u kustodja taghha, kif ukoll ta’ missierha li jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha finanzjarji tal-minuri, u l-mezzi finanzjarji tieghu jippermettuli li jghati lill-minuri livell ta’ ghejxien tajjeb. Ma hemmx dubju li z-zewg genituri juru mhabba genwina lejn it-tifla taghhom, u l-missier kien anke ha hsieb sabiex l-omm tkun finanzjarjament komda minghajr il-bzonn li tahdem jew li tahdem full time ghal certu zmien li jiskadi f’ Ottubru tas-sena korrenti. Huwa ha hsieb li l-minuri tkun finanzjarjament koperta ghall-ispejjez necessarji, u anke estenda l-manteniment ghaliha sa kemm tiffinalizza l-istudji taghha jekk tiddecidi li tkompli tistudja anke wara li sssir maggjorenni. In fine permezz tal-kontro talba talab li jigi moghti l-kura u kustodja ta’ bintu, stante li huwa f’ posizzjoni ahjar mill-attrici li jassikura stabilita’ u livell ta’ hajja konfortevoli u pjacevoli ghall-minuri.

Minn naha l-ohra, il-Qorti ma tistax ma tghatix importanza qawwija lill-fatt li l-attrici kellha u ghad ghandha sehem attiv u importanti fil-hajja tal-minuri li ilha tiehu hsiebha minn mindu twieldet; u li dak li hi l-minuri llum, huwa wkoll u sostanzjalment meritu ta’ l-attrici li, nonostante d-disentegrazzjoni taz-zwieg taghha u l-imrar u d-dwejjaq li dan necessarjament jimporta, multo magis, fil-kaz prezenti fejn il-konvenut stabblixxa familja ohra ma’ mara ohra;

nonostante dan, ma hemmx dubju li l-attrici ghamlet, qeda tghamel u ser taghamel, hilitha kollha sabiex trabbi lil bintha bl-ahjar mod li tista'.

Illi kif jghid il-Malti, taqta' minn fejn taqta' ser johrog id-demm, ghax decizjoni f' dan il-kaz ser tferi jew lill-omm jew il-missier. il-kaz *Belton vs Belton [UK 1987] Purchas LJ* osserva li " the authorities and the law dictate the hard and difficult decision which must be made once it is established that the custodial parent genuinely desires to emigrate and, in circumstances in which there is nothing adverse to be found in the conditions to be expected, those authorities are quite clear in the course that the court must take, whatever the hardship and distress that may resutl."

F' dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet maghmula mill-qrati inglizi f' kazijiet bhal dawk in disamina.

Il-Qorti ta' l-Appell Ingliza fil-kaz *Payne vs Payne [2001]* osservat li, li fil-kaz *Poel vs Poel [1970]*, ghalkemm gie emfasizzat li qorti ghandha taghti konsiderazzjoni primarja lill-interessi ["welfare"] tat-tifel, gie emfasizzat ukoll "the importance of recognising and supporting the function of the primary carer" u ccitat lil Sachs LJ li f' dan il-kaz osserva hekk: "The way in which the parent who properly has the custody of a child may choose in a reasonable manner to order his or her way of life is one of those things which the parent who has not been given the custody may well have to bear, even though one has every sympathy with the latter on some of the results." Gie citat ukoll Davies LJ li fil-kaz Nash vs Nash [1973] osserva hekk: "But I emphasise once more that when one parent has been given custody it is a very strong thing for this court to make an order which will prevent the following of a chosen career by the parent who has custody." Fil-kaz Tyler vs Tyler [1989] Kerr LJ osserva hekk: "I also accept that this line of authority shows that where the custodial parent herself, it was the mother in all those cases, has <u>a genuine and reasonable desire</u> to

emigrate, then the court should hesitate long before refusing permission to take the children."[10]

Il-Qorti tikkondividi din il-posizzjoni guridika li tistabilixxi kriterju logiku, san u gust ghar-rizoluzzjoni ta' kazijiet bhal dawn il-disamina, multo magis bhal dak prezenti, fejn l-azzjonijiet taz-zewg genituri joriginaw minn desiderju genwin u herqan li kull wiehed minnhom jibqa' jkollu kuntatt kemm jista' jkun estensiv u integrat ma' binthom komuni; u din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi u debita riflessjoni, hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' f' data lil omm; u inoltre li t-talba attrici hija gusta u timemrita li tigi milqugha, in kwantu diretta ghall-emigrazzjoni lejn l-Italja. Dawn il-konkluzjonijiet huma spirati mis-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Illi l-omm ilha tiehu hsieb il-minuri minn mindu twieldet, u l-partijiet hassew li, anke wara s-separazzjoni, il-minuri tibqa' fil-kura ta' l-omm. Fil-fatt fil-kuntratt tas-separazzjoni l-partijiet qabblu li, fl-interess tal-minuri, l-kura u kustodja effettiva tat-tifla ghandha tkun f' idejn l-omm, albeit bl-access liberu favur il-missier. Ghaldaqstant, tenut kont tal-kura li uriet l-omm lejn bintha f' dawn is-snin, il-konsegwenzjali rabta qawwija li l-minuri turi fil-konfront ta' ommha, huwa fatt naturali u mistenni;

[2] Illi fil-fehma tal-Qorti t-talba ta' l-attrici sabiex tigi awtorizzata temigra ma' bintha fl-Italja, hija genwina u ragjonevoli.

Jigi osservat li l-attrici ghandha rabta qawwija ma' bintha b' mod li tridha tibqa' tghix maghha. Di fatti mill-provi ma jirrizultax, li l-attrici qeda tikkontempla l-possibilita' li temigra minghajr ma tiehu lil bintha maghha. Inoltre, it-talba taghha hija ragjonevoli, ghax huwa facilment komprensibbli li, wara s-separazzjoni, u wara li zewgha l-konvenut qed jghix f' ambjent ta' familja ma' mara ohra li minnha ghandu tifla, l-attrici f' Malta qeda waheda u isolata u m' ghandhiex dak is-support effettiv, morali jekk

[10] Sottolinear ta' din il-Qorti

mhux finanzjarji, mill-genituri taghha u mill-familjari l-ohra taghha li jirrisjedu l-Italja. Dan l-istat ta’ l-affarijiet da parti ta’ l-attrici jaffettwa negattivament lill-attrici u konsegwenzjalment lill-minuri li, nonostante l-eta’ zghira taghha, kapaci tippercepixxi d-dwejjaq li tghaddi minnu ommha konsegwenxa tas-sitwazzjoni li tinsab fiha f’ Malta.

Kif gie osservat fil-kaz Payne vs Payne [Ibid] “The disintegration of the family unit may leave the mother in a society to which she was carried by the impetus of family life before its failure. Commonly in that event she may feel isolated and driven to seek the support she lacks by returning to her homeland, her family and her friends…….. in the case of the isolated mother, to deny her the support of her family and a return to her roots may have an even greater psychological detriment and she may have no one who might share her distress and or allegiate her depression.”

Jigi osservat li, ghalkemm huwa minnu li l-konvenut ha hsieb il-bzonnijiet finanzjarji tal-minuri, u anke assenja lill-attrici proprjeta’ u flus li jippermettulha tghix hajja adegwatament komda f’ Malta; izda dan ma jistax jitqies bhala sostitut sufficjenti u accettabbli sabiex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas ta’ <u>appogg morali</u> li qed tesperjenza l-attrici l-boghod mill-familjari taghha, u fin-nuqqas ta’ l-appogg ta’ ‘family unit’ li hi kellha qabel is-separazzjoni.

Illi noltre, ir-raguni moghtija minnha relatata max-xoghol taghha, ghandha wkoll tinghata piz bhala konsiderazzjoni sekondarja favur it-talba ta’ l-attrici. Wara kollox l-attrici ghandha d-dritt li tkompli bil-hajja taghha bl-ahjar mod li tista’ u anke tibni hajja ohra kif ghamel il-konvenut, multo magis meta, skond il-kuntratt tas-separazzjoni, l-manteniment taghha ghandu jieqaf f’ Ottubru 2007

[3] Illi il-Qorti ma temminx, kif qed isostni l-konvenut, li l-hajja fl-Italja ser tkun trawmatika ghat-tifla, b’ mod li mhuwiex fl-interess taghha li din tmur tghix ma’ ommha f’ dan il-pajjiz, u ma ngabux provi li juru l-kuntrarju. F’ dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti konsiderazzjonijiet:

[a] Illi mill-provi jirrizulta li fil-passat il-minuri ghaddiet it-tlett xhur tal-vaganzi estivi taghha ghand in-nanniet materni fl-Italja, u ghandha rapport tajjeb hafna mal-familjari ta' l-attrici, u ghalhekk mhux il-kaz li t-tifla ser issib ruhha f' post gdid ghal kollox;  u dan apparti mill-appogg li jghatuha familjari ta' l-attrici li  hija diga' taf.

[b] Illi inoltre, it-tifla, skond kif informat il-Qorti, taf titkellem tajjeb bil-lingwa Taljana, u ghalhekk tenut kont ukoll ta' l-eta' taghha mhemmx raguni valida li wiehed jahseb li dina mhux ser tkun kapaci tintegra ruhha fis-socjeta' hemmhekk, anke tenut kont tal-premess li t-tifla hija ntelligenti, ghandha karattru trankwil [kif setghet tikkonstata din il-Qorti] u skond ir-rapport skolastiku ghandha karattru li jghamilha popolari mat-tfal.

[c] Illi il-post fejn l-attrici qed tipprospetta li tmur toqghod fih fl-Italja huwa post sabih, u l-pajjiz in generali jgawdi minn ekonomija sana u joffri possibilita' ta' livell tajjeb ta' ghejxien u opportunitajiet akbar ta' xoghol ghall-attrici, u ta' studju ghall-minuri  meta dina tibda tikber.

[d] Illi, ghalkemm huwa minnu li l-kuntatt fiziku bejn il-missier u bintu, necessarjment ser jonqos gjaladarba it-tifla tkun qed tghix l-Italja, izda l-vicinanzi taz-zewg pajjizi, flimkien mal-facilitajiet li toffri t-teknologija llum, xorta wahda joffru lill-missier il-facilita' li jista'jzomm ma' bintu kuntatt kwotidjan permezz tat-telefon u anke vizwalment permezz ta' l-internet [munit bil-web cam].  Inoltre, l-Qorti ser takkorda lill-missier access liberu ghal bintu meta dana jkun jixtieq izurha fl-Italja bil-modalitajiet imposti u li huma intizi sabiex ma jiddisturbawx l-iskeda tal-minuri, u anke ta' l-omm.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li r-rifjut da parti tal-konvenut li jghati l-kunsens tieghu lill-attrici sabiex din temigra lejn l-Italja huwa, fic-cirkostanzi, irraggjonevoli, u li t-talba taghha hija gusta u timmerita li tigi milqugha.  Inoltre, tenut kont tal-fatt li t-tifla, konfrontata bix-xelta, tixtieq li tibqa' tghix ma' ommha, u, stante li ma' hemmx raguni valida sabiex jigi deciz mod

iehor, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' f' dana f' idejn l-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar il-kontro talba tal-konvenut billi tichadha u tikkonferma li l-kura u kustodja tat-tifla C E ghandha tibqa' fdata f' idejn l-attrici; bl-ispejjez a kariku tal-konvenut;

Tiddeciedi dwar l-azzjoni billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici, u tawtorizza lill-istess attrici temigra flimkien ma' C E, bint minuri komuni tal-partijiet, <u>limitatament lejn l-Italja</u>, u tistabbillixxi r-residenza permanenti hemmhekk, taht il-kondizzjonijiet segwenti:

[1] li, qabel ma titlaq, l-attrici ghandha tipprezenti lil din il-Qorti nota kontenenti s-segwenti nformazzjoni: l-indirizz residenzjali tat-tifla, l-e mail address u n-numru tat-telefon sabiex il-missier ikun jista' jikkomunika mat-tifla liberament. L-attrici fl-Italja ghandha tipprovdi l-facilitajiet necessarji sabiex il-minuri tkun tista' jkollha kuntatt regolari mal-missier permezz tat-telefon, tal-e mail u anke ta' l-internet u jekk munit b' web camera, jekk possibbli; u ghandha thegget lil minuri biex taghmel kuntatt ma' missierha b' dawn il-mezzi;

[2] li, l-attrici ghandha tibghat lill-minuri akkompanjata Malta fil-vakanzi skolastici tas-Sajf ghal xaharejn, gimgha fil-Milied u gimgha fl-Ghid biex tirrisjedi mal-konvenut– l-ispejjez ta' l-ivvjaggar ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet;  u li dan ma jimpedix lill-konvenut milli volontarjament jitla' hu personalment sabiex iggib it-tifla Malta u/jew jirritorna l-Italja, kif lanqas ma jimpedixxi lill-attrici li ggib hi t-tifla f' Malta u tohodha lura wara l-vakanzi;

[3] li, f' kull perijodu l-attur ikollu access liberu ghal bintu, purche' jaghti pre avviz ta' xahar lill-attrici, u purche' jigu rispettati l-iskedi ta' skola tal-minuri u attivitajiet ohra extra curricula, kif ukoll l-iskeda ta' xoghol ta' l-attrici.

L-ispejjez gudizzjarji  jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------